

Brussell, 10 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7030/22

EF 74
ECOFIN 208
SUSTDEV 54
FSC 5
ENV 203
CLIMA 97
TRANS 134
ENER 84
ATO 14
AGRI 82
AGRIFIN 23
AGRIORG 24
DRS 13
CCG 14
DELECT 40

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 631 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 9.3.2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 631 final.

Mehmuż: C(2022) 631 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.3.2022
C(2022) 631 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 9.3.2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

1.1 Sfond ġenerali u objettiv

Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-“Regolament dwar it-Tassonomija”)¹ jistabbilixxi l-qafas għall-ħolqien tat-Tassonomija tal-UE ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Ir-Regolament dwar it-Tassonomija jipprevedi li dawn l-attivitajiet ekonomiċi jenħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti fl-atti delegati adottati mill-Kummissjoni.

L-att delegat li jispeċifika l-kriterji ta' skrinjar tekniku li skonthom ċerti attivitajiet ekonomiċi jikkwalifikaw bħala attivitajiet li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u li ma jikkawżawx ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali rilevanti l-oħra (“l-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima”) ġie adottat fit-4 ta' Ġunju 2021². Fis-6 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat ukoll att delegat li jispeċifika l-kontenut, il-metodoloġija u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata kemm mill-impriżi mhux finanzjarji kif ukoll minn dawk finanzjarji li huma obbligati jirrapportaw dwar l-allinjament tal-attivitajiet tagħhom mat-Tassonomija tal-UE (“l-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet Tassonomiċi”)³.

L-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima jistabbilixxi kriterji ta' skrinjar tekniku għall-attivitajiet ekonomiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima fil-biċċa l-kbira tas-setturi. Madankollu, mhux is-setturi u l-attivitajiet kollha rilevanti ġew koperti f'dan l-Att Delegat. B'mod partikolari, ma kienx possibbli li tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tal-enerġija nukleari fl-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima minħabba l-ħtieġa li tiġi approfondita l-valutazzjoni tal-aspetti “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (“DNSH, do no significant harm”) tal-enerġija nukleari, li dak iż-żmien kienet għadha għaddejja⁴. Fir-rigward tal-gass naturali, il-Kummissjoni ħabbret li kienet meħtieġa aktar riflessjoni dwar kif għandu jiġi indirizzat ir-rwol tal-gass fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni jenħtieġ li meta tistabbilixxi l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, tqis u tipprovdi inċentivi għat-tranżizzjoni kurrenti u meħtieġa lejn ekonomija li tkun newtrali għall-klima, f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji ta' skrinjar tekniku sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 tas-6 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u li jispeċifika l-metodoloġija biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu ta' żvelar (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 9).

⁴ Il-passi komplementari tal-valutazzjoni, jiġifieri r-rapport miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, ir-rieżami mill-esperti skont l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom u r-rieżami mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER, Scientific Committee on Health, Environmental and Emerging Risks), jinsabu fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

it-Tassonomija. Kif imħabbar fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 u tas-6 ta' Lulju 2021⁵, l-objettiv ta' dan l-Att Delegat huwa li jikkomplementa l-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima. Dan l-Att Delegat jistabbilixxi l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima marbutin ma' attivitajiet ekonomiċi addizzjonali fis-setturi tal-enerġija li ma kinux inklużi fl-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima, b'mod partikolari fis-setturi tal-gass naturali u tal-enerġija nukleari. Fir-rigward tal-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima, dan l-Att Delegat huwa konsistenti mal-approċċ tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima u jindika li s-setturi ekonomiċi kollha se jkollhom bżonn jadattaw għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima. Għalhekk, jistabbilixxi kriterji ta' skrinjar tekniku xierqa u konsistenti għall-adattament għat-tibdil fil-klima fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi fis-setturi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari. Madankollu, għal attivitajiet tranżitorji speċifiċi rigward l-attivitajiet tal-gass fossili li għalihom dan l-Att Delegat jipprevedi rikonossiment għal żmien limitat tal-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, mhuwiex meħtieġ li jiġu previsti kriterji speċifiċi ta' skrinjar tekniku għall-adattament għat-tibdil fil-klima fid-dawl ta' dan ir-ikonossiment għal żmien limitat. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-kriterji ta' skrinjar tekniku dwar il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" li jirrigwardaw l-adattament għat-tibdil fil-klima ma jwaqqfux attività ekonomika milli tikkwalifika bħala li tipprovdi kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, biex tissaħħaħ it-trasparenza tas-suq u l-informazzjoni tal-investituri, dan l-Att Delegat jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni għas-setturi tal-gass naturali u tal-enerġija nukleari billi jemenda l-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet Tassonomiċi.

Kif deskritt fir-Regolament dwar it-Tassonomija, it-Tassonomija ma tkoprix biss investimenti rinnovabbli u newtrali għall-klima. Tkopri wkoll attivitajiet ekonomiċi li b'mod ċar mhumiex newtrali għall-klima jew rinnovabbli iżda jistgħu, b'kundizzjonijiet stretti u għal żmien limitat, jippermettu t-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija sostenibbli, bħall-attivitajiet ekonomiċi fis-settur tal-gass naturali u dak nukleari. Jenħtieġ li dawn ma jfjixklux l-iżvilupp ta' sorsi rinnovabbli.

1.2 Sfond ġuridiku

Dan l-Att Delegat huwa bbażat fuq is-setgħat mogħtija fl-Artikoli 8(4), 10(3) u 11(3) tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Dan l-Att Delegat jemenda l-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima billi jżid kriterji ta' skrinjar tekniku għal ċerti attivitajiet ekonomiċi fis-setturi tal-gass naturali u tal-enerġija nukleari li ma ġewx inklużi f'dak l-Att Delegat. Il-kriterji ta' skrinjar tekniku huma stabbiliti f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19 tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Dan l-Att Delegat jemenda wkoll l-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet Tassonomiċi billi jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni għas-setturi tal-gass naturali u tal-enerġija nukleari.

F'konformità mal-Artikolu 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁶, dan l-Att Delegat jgħaqqad f'att wieħed żewġ setgħat interrelatati

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, it-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 21.4.2021, COM/2021/188 final; Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, Strasburgu, 6.7.2021, COM/2021/390 final.

⁶ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

tar-Regolament dwar it-Tassonomija, jiġifieri dawk stabbiliti fl-Artikoli 10(3) u 11(3), dwar il-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima rispettivament, u l-għoti tas-setgħa tar-Regolament dwar it-Tassonomija stabbilit fl-Artikolu 8(4) dwar l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata minn impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji kbar.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fir-rigward tal-gass naturali, dan l-Att Delegat jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzi Sostenibbli (Technical Expert Group on Sustainable Finance, TEG), grupp ta' esperti tal-Kummissjoni magħmul minn diversi partijiet konċernati mis-settur privat u pubbliku stabbilit fl-2018. Il-missjoni tat-TEG kienet tikkonsisti minn għajjnuna lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-kriterji ta' skrinjar tekniku tat-Tassonomija tal-UE f'konformità mal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018 u b'kont meħud tal-obiettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

It-TEG ippubblika żewġ verżjonijiet interim tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rapporti ta' Diċembru 2018 u ta' Ġunju 2019. Iż-żewġ rapporti kienu soġġetti għal sejħa pubblika għall-feedback, li għaliha waslu 257 u 830 tweġiba, rispettivament. Waqt il-mandat tiegħu, it-TEG daħal ukoll f'kontatt ma' aktar minn 200 espert addizzjonali sabiex jiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima⁷. Il-Kummissjoni organizzat ukoll żewġ laqgħat mal-partijiet konċernati sabiex tiġbor il-fehmiet dwar ir-rapporti tat-TEG f'Ġunju 2019 u f'Marzu 2020.

Barra minn hekk, il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar għall-gass naturali, li inizjalment kienu inklużi fl-abbozz tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima, ġew ippubblikati fil-portal ta' Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' erba' ġimgħat biex jingħata feedback, bejn l-20 ta' Novembru u t-18 ta' Diċembru 2020, li għalih wiegħbu 46 591 parti kkonċernata. Dawn il-kriterji ġew diskussi wkoll mal-esperti u l-osservaturi tal-Istati Membri mill-Parlament Ewropew, f'diversi laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli, fl-2020 u fl-2021.

Fir-rigward tal-enerġija nukleari, it-TEG ma inkludix attivitajiet tal-enerġija nukleari fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Għalkemm it-TEG irrikonoxxa li l-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-enerġija nukleari għandha potenzjal għoli li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ma setgħax jasal għal konklużjoni soda dwar jekk l-enerġija nukleari tagħmilx ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra, meta wieħed iqis b'mod partikolari l-ġestjoni tal-iskart, l-impatt fuq il-bijodiversità u l-ilma kif ukoll aspetti potenzjali ta' tniġġis. It-TEG, għalhekk, irrakkomanda li għandha titwettaq valutazzjoni aktar dettaljata tal-enerġija nukleari, bl-involviment ta' esperti b'livell għoli ta' għarfien espert rilevanti.

Il-Kummissjoni għalhekk waqqfet proċess speċifiku għal valutazzjoni fil-fond tal-aspetti DNSH tal-enerġija nukleari. L-ewwel nett, tħejjiet valutazzjoni teknika tal-enerġija nukleari skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija u l-kriterju DNSH miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Joint Research Centre, "JRC"), is-servizz tax-xjenza u l-għarfien tal-Kummissjoni Ewropea.

Ir-rapport tal-JRC ikkonkluda li:

- (i) l-enerġija nukleari tista' tagħti kontribut sostanzjali favur l-obiettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u sadanittant ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-erba' objettivi

⁷ Il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar il-Finanzi Sostenibbli, il-Finanzjament ta' Ekonomija Ewropea Sostenibbli) – Rapport tekniku — it-Tassonomija: Rapport finali tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzi Sostenibbli, Marzu 2020.

ambjentali l-oħra tar-Regolament dwar it-Tassonomija, dment li tissodisfa l-kriterji ta' skrinjar tekniku proposti;

- (ii) r-repożitorji ġeoloġiċi fil-fond jistgħu jiġu kkunsidrati – skont l-għarfien tal-lum – bħala mezzi xierqa u sikuri għall-iżolament tal-fjuwil użat u ta' skart radjuattiv ta' livell għoli ieħor, minn ġol-bijosfera għal perjodi twal ħafna ta' żmien, u t-teknoloġiji meħtieġa issa huma disponibbli;
- (iii) fejn u meta l-impatti ambjentali jkunu potenzjalment ta' ħsara, miżuri xierqa għall-prevenzjoni tal-impatti jew biex jittaffew il-konsegwenzi tagħhom jistgħu jiġu implimentati bl-użu tat-teknoloġija eżistenti; kif ukoll
- (iv) il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Euratom u l-proċessi ta' liċenzjar jipprovdu biżżejjed fiduċja li l-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-enerġija nukleari, inkluż it-tmiem taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari, fuq il-bnedmin u l-ambjent jibqa' taħt il-livelli ta' ħsara.

Dan ir-rapport ġie rieżaminat mill-esperti tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni mir-radżazzjoni u l-ġestjoni tal-iskart maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku skont l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, kif ukoll minn esperti mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (Scientific Committee on Health, Environmental and Emerging Risks, "SCHEER").

L-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom tipprovdi valutazzjoni pożittiva tar-rapport tal-JRC⁸. L-esperti jaqblu mal-konstatazzjonijiet ewlenin tar-rapport, filwaqt li joffru għadd żgħir ta' osservazzjonijiet dwar it-titjib possibbli. Pereżempju, fl-opinjoni tagħhom, il-qafas legali Ewropew eżistenti jipprovdi sistema adegwata biex jiġi żgurat l-oġġla livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema, tal-membri tal-pubbliku u tal-ambjent fl-Unjoni. Għall-attivitajiet barra mill-Unjoni, huma jaħsbu li l-istandards internazzjonali jipprevedu livell komparabbli ta' protezzjoni u jinnutaw li l-konformità ma' dawn l-istandards jenħteġ li tiġi inkorporata fil-kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn l-attivitajiet. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Esperti kkonferma l-fehma tal-JRC li r-repożitorji ġeoloġiċi fil-fond huma kkunsidrati, skont l-għarfien tal-lum, bħala soluzzjoni xierqa u sikura għall-ġestjoni tal-iskart ta' livell radjuattiv għoli, u nnota li t-teknoloġija għal dan hija diġà disponibbli llum. Il-Grupp ta' Esperti kkonferma wkoll il-valutazzjoni tal-JRC rigward il-konsegwenzi ta' inċidenti serji, li madankollu kienet limitata fil-kamp ta' applikazzjoni. Il-Grupp ta' Esperti nnota li impatti diretti u indiretti oħra ta' aċċidenti serji, li ma ġewx analizzati mill-JRC bħala tali, għall-ebda attività ekonomika taħt it-Tassonomija tal-UE ma ġew ivvalutati. Valutazzjoni bħal din tista' tkun importanti wkoll biex jinftiehem l-impatti usa' ta' aċċidenti serji li madankollu jistgħu jkunu aktar diffiċli biex jiġu vvalutati.

L-opinjoni tal-esperti tal-SCHEER hija li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-JRC fir-rigward tal-impatti mhux radjoloġiċi huma kumplessivament komprensivi. Madankollu, fil-fehma tal-esperti, xi sejbiet jeħtieġu valutazzjoni u evidenza ulterjuri. B'mod partikolari, huma jqisu li l-paragun tal-enerġija nukleari ma' teknoloġiji oħra li jiġġeneraw l-enerġija bħala li ma tagħmilx aktar ħsara huwa differenti mill-valutazzjoni tal-prinċipju "la

⁸ Opinjoni kuntrarja (mit-32 espert tas-27 Stat Membru) annessa mar-rapport iddikjarat li l-fokus tar-rapport tal-JRC ħalla barra l-konsiderazzjoni ta' xi riskji importanti, bħal pereżempju l-proliferazzjoni nukleari u l-probabbiltà baxxa iżda b'impatt għoli tal-aċċidenti li huma aktar akuti għal attivitajiet nukleari milli għal teknoloġiji oħra tal-enerġija koperti mit-Tassonomija. Madankollu, għandu jiġi nnutat li l-valutazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet ma kinitx inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol speċifikat fit-Termini ta' Referenza pprovduti lill-JRC, billi l-qafas ta' valutazzjoni kien ibbażat fuq il-proċess segwit mit-TEG.

tagħmilx ħsara sinifikanti” (do no significant harm, DNSH) skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija. L-SCHEER esprima wkoll il-fehma li l-eżistenza ta’ qafas regolatorju fih innifsu mhuwiex biżżejjed biex itaffi r-riskji rilevanti kollha u kien favur analiżi aktar profonda ta’ xi aspetti, b’mod partikolari tal-impatti tal-estrazzjoni u tal-milling (li fil-biċċa l-kbira jsiru barra mill-Unjoni):

- l-inċertezzi rigward ir-rimi aħħari ta’ skart nukleari ta’ livell għoli li għadu kwistjoni ta’ riċerka miftuħa; kif ukoll
- l-impatt tar-radjazzjoni fuq l-ambjent, speċifikament fir-rigward tal-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar.

Il-Kummissjoni, meta stabbiliet il-kriterji ta’ skrinjar tekniku għall-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari debitament qieset u indirizzat l-osservazzjonijiet tal-SCHEER. B’mod partikolari, l-attivitajiet ta’ estrazzjoni u ta’ milling ma ġewx inklużi f’dan l-Att Delegat u l-bqija tal-osservazzjonijiet ġew indirizzati mill-kriterji ta’ skrinjar tekniku.

Fir-rigward tal-proċess tal-adozzjoni ta’ dan l-Att Delegat, ġie deċiż li ma kinitx meħtieġa valutazzjoni tal-impatt għall-attivitajiet tal-enerġija tal-gass naturali, billi:

- dan l-Att Delegat se jimplementa l-għażliet ta’ politika li diġà saru u se jikkomplementa biss l-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima;
- l-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima kien ibbażat fuq pariri li waslu mingħand it-TEG u mill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli u kien akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt proporzjonata;
- il-kriterji għall-biċċa l-kbira tal-attivitajiet li huma ppjanati li jiġu inklużi f’dan l-Att Delegat diġà kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni pubblika bħala parti mit-tħejjija tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima.

Fir-rigward tal-attivitajiet tal-enerġija nukleari, ġie deċiż li valutazzjoni tal-impatt ma kinitx meħtieġa minħabba li twettqet valutazzjoni teknika dettaljata kif spjegat hawn fuq.

Għaldaqstant, il-kwistjonijiet tekniċi u ta’ politika rilevanti li jirrigwardaw il-gass naturali u l-enerġija nukleari kienu fl-isfera pubblika matul id-deliberazzjonijiet leġiżlattivi dwar ir-Regolament dwar it-Tassonomija, il-ħidma tat-TEG, u l-finalizzazzjoni tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima. Dawn ġew diskussi wkoll diversi drabi mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew. Il-partijiet ikkonċernati ppreżentaw feedback estensiv lill-Kummissjoni dwar dawn l-attivitajiet, fuq il-bażi tal-opzjonijiet diskussi għall-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima għall-attivitajiet tal-gass, u fuq ir-rapport tal-JRC u r-rieżamijiet tal-kumitat tal-esperti għall-attivitajiet nukleari. Id-divulgazzjoni avvanzata ta’ abbozz tal-att delegat lill-pubbliku kienet probabbilment se tinfluwenza s-swieq.

Għalhekk, ma kienet meħtieġa l-ebda konsultazzjoni pubblika oħra biex jitħejja dan l-Att Delegat.

Il-pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli (“il-Pjattaforma”) u l-Grupp ta’ Esperti tal-Istati Membri ġew ikkonsultati f’konformità mal-Artikoli 10(4) u 11(4), u rispettivament, mal-Artikoli 23(4) u 24(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija.

Il-feedback tal-Pjattaforma jindika għadd ta’ nuqqasijiet u inkonsistenzi pperċepiti fir-Regolament dwar it-Tassonomija. Jistaqsi wkoll jekk il-kriterji humiex konformi mal-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10(2), 17 u 19 tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Hemm il-preferenza li l-attivitajiet aħjar possibilment jiġu inklużi f’kategorija għall-prestazzjoni ambjentali “intermedja” fil-futur, skont il-ħidma li tkun għaddejja fil-Pjattaforma. Il-pjattaforma tindika tħassib dwar in-natura orjentata lejn il-futur ta’ xi wħud mill-kriterji, u l-

inċertezzi għall-utenti tas-swieq finanzjarji biex jkunu konformi mal-kriterji tal-operaturi. Il-proposti tal-Pjattaforma huma relatati mal-iċċarar tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u verifika li jikkonċernaw l-attivitajiet fl-Att Delegat.

Il-feedback ipprova konferma ta' pożizzjonijiet diviżi magħrufin sew. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-kritika indikata mill-Pjattaforma u minn xi Stati Membri fil-kuntest tal-konsultazzjoni tal-MSEG dwar il-Finanzi Sostenibbli, li skontha l-abbozz tal-Att Delegat ma jkunx konformi mar-Regolament dwar it-Tassonomija, kemm fir-rigward tal-kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll fir-rigward tar-rekwiżit li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali l-oħra. Il-Kummissjoni tirrifjuta din il-kritika billi tidher li hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li tmur kontra l-iskop tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, li huma biss il-kriterji ta' skrinjar tekniku li jiżguraw l-aktar kontribut sostanzjali għall-objettiv ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u dak ta' "la tagħmilx ħsara", jew li jiżguraw l-inqas ħsara possibbli għall-objettivi ambjentali l-oħra li jistgħu jiġu inklużi fl-Att Delegat. Skont l-Artikolu 10(2) u (3) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, il-Kummissjoni hija obligata tistabbilixxi kriterji tekniċi tal-iskrinjar għal attivitajiet ekonomiċi li għalihom bħalissa ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u li tkun meħtieġa fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Il-Kummissjoni tirrifjuta wkoll il-kritika espressa minn Stati Membri oħra, u kkuntestat il-klassifikazzjoni tal-attivitajiet tal-enerġija nukleari taħt l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija u targumenta li dawn jenħtieġ li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 10(1) tiegħu. Il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, il-ħżin, id-distribuzzjoni jew l-użu tal-enerġija huma limitati, fil-punt (a) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, għall-enerġija rinnovabbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/11, u l-attivitajiet tal-enerġija nukleari ma jaqgħux fil-kategoriji l-oħra ta' attivitajiet ekonomiċi elenkati fil-punti minn (b) sa (i) ta' dik id-dispożizzjoni. Ġew introdotti aġġustamenti mmirati għall-kriterji ta' skrinjar tekniku u għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u verifika biex b'mod partikolari jissaħħu ċ-ċarezza u l-użu tagħhom. Tajjeb li jitfakkar li dak li ma jikkwalifikax bħala attività ekonomika sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE mhux minnu nnifsu ta' ħsara.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Is-setgħat biex jiġu adottati atti delegati huma previsti fl-Artikoli 8(4), 10(3) u 11(3) tar-Regolament dwar it-Tassonomija.

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-emendi fl-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-emendi fl-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet Tassonomiċi.

L-Artikolu 3 jispeċifika d-dati tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-Att Delegat.

L-Anness I ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-emendi fl-Anness I tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima.

L-Anness II ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-emendi fl-Anness II tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija dwar il-Klima.

L-Anness III ta' dan ir-Regolament iżid l-Anness XII il-ġdid mal-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet Tassonomiċi.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 9.3.2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088⁹, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(4), 10(3) u 11(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139¹⁰ ikopru diversi setturi u attivitajiet ekonomiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn is-setturi u l-attivitajiet ekonomiċi ntgħażlu minħabba s-sehem tagħhom fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, u l-potenzjal ippruvat tagħhom li jevitaw il-produzzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, inaqqsu dawn l-emissjonijiet, jew jeliminawhom. Barra minn hekk, dawn is-setturi u l-attivitajiet ekonomiċi għandhom il-potenzjal ippruvat li jistgħu jevitaw, inaqqsu u jeliminaw dawn l-emissjonijiet f'setturi u attivitajiet ekonomiċi oħra, jew li jiżguraw il-ħżin fit-tul ta' dawn l-emissjonijiet għal setturi u attivitajiet oħra.
- (2) L-użu totali tal-enerġija jammonta għal madwar 75 % tal-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Għalhekk, is-settur tal-enerġija għandu rwol kruċjali fit-tkomplija tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti fir-regolament Delegat (UE) 2021/2139 għaldaqstant, ikopru firxa wiesgħa ta' setturi u attivitajiet ekonomiċi relatati mal-katina tal-provvista tal-enerġija, li jvarjaw mill-ġenerazzjoni tal-elettriku jew tas-sħana minn sorsi differenti, permezz ta' networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni sa dawk tal-ħżin, kif ukoll pompi tas-sħana u l-manifattura tal-bijogass u tal-bijofjuwils. Madankollu, ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 ma fihx kriterji ta' skrinjar tekniku għall-attivitajiet ekonomiċi fis-setturi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari, minkejja l-potenzjal tagħhom li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni.

⁹ ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

¹⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji ta' skrinjar tekniku sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġġettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

- (3) Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 ("It-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew") u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 ("Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli"), l-istabbiliment ta' kriterji ta' skrinjar tekniku għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-gass fossili ġie pospost fid-dawl tal-ħtieġa ta' valutazzjoni teknika ulterjuri, b'mod partikolari dwar ir-rwol tranżitorju tal-gass fossili fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija¹¹. L-istabbiliment ta' kriterji ta' skrinjar tekniku għall-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari ġie pospost ukoll sakemm issir valutazzjoni esperta fil-fond, immedija fl-2020, dwar jekk iċ-ċiklu tal-ħajja nukleari, u b'mod partikolari l-iskart nukleari, jistgħux jitqiesu kompatibbli mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, li attività ma tistax tagħmel ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra. Fid-dawl ta' dawn il-valutazzjonijiet, huwa meħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari jistgħu jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 li jkopri attivitajiet ekonomiċi tranżitorji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, għall-koġenerazzjoni tal-enerġija u tas-šhana/tal-kesħa ta' effiċjenza għolja, u l-produzzjoni ta' šhana/kesħa f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali mill-gass fossili, fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-gass fossili jkun taħt limitu xieraq. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-użu tal-gass fossili fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, fil-koġenerazzjoni tal-enerġija u tas-šhana/tal-kesħa ta' effiċjenza għolja, u fil-produzzjoni ta' šhana/kesħa f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, fejn din il-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-koġenerazzjoni tal-enerġija u tas-šhana/tal-kesħa ta' effiċjenza għolja, u l-produzzjoni ta' šhana/kesħa f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali għadhom ma jikkonformawx ma' dan il-limitu xieraq, billi minbarra l-użu ta' enerġija newtrali għall-klima u aktar investimenti f'attivitajiet u setturi ekonomiċi li diġà huma b'livell baxx ta' karbonju, it-tranżizzjoni teħtieġ tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'attivitajiet u setturi ekonomiċi oħra li għalihom ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' karbonju. Dawn l-attivitajiet ekonomiċi kollha jenħtieġ li jiġu kkwalifikati bħala tranżitorji skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, billi alternattivi teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jistgħu ma jkunux għadhom kummerċjalment disponibbli fuq skala suffiċjenti biex ikopru d-domanda għall-enerġija b'mod kontinwu u affidabbli. B'mod partikolari, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, huwa xieraq li jiġi previst approċċ alternattiv għal-limitazzjoni diretta tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Skont dan l-approċċ alternattiv, li jenħtieġ li jagħti riżultati simili fuq perjodu ta' għoxrin sena, il-faċilitajiet jistgħu jilħqu dawn ir-riżultati billi jillimitaw l-għadd ta' sigħat ta' tħaddim jew billi javvanzaw il-bidla għal gassijiet rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għal data aktar

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, it-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2021/188 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, (COM/2021/390 final).

bikrija. Il-kriterji ta' skrinjar tekniku jenħtieġ li jiffaċilitaw l-eliminazzjoni aċċellerata minn sorsi tal-enerġija aktar intensivi fl-emissjonijiet, inklużi l-fjuwils fossili solidi. Barra minn hekk, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-użu tal-gass fossili jiżguraw ukoll li tkun disponibbli evidenza b'saħħitha li turi li l-istess kapaċità tal-enerġija ma tistax tiġi ġġenerata b'sorsi rinnovabbli, u li hemm stabbiliti pjanijiet effettivi għal kull faċilità, f'konformità mal-aħjar prestazzjonijiet fis-settur, biex sa data speċifika ssir il-qabża totali għal sorsi rinnovabbli jew għal gassijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku jipprovdu rikonoxximent għal żmien limitat tal-kontribut ta' dawn l-attivitajiet għad-dekarbonizzazzjoni.

- (5) Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli se jkollhom ir-rwol fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni. F'dan id-dawl, l-investimenti fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jeħtieġ li jiżiedu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni għal enerġija aktar nadifa u rinnovabbli.
- (6) L-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari huma attivitajiet b'livell baxx tal-karbonju, ma jikkostitwixxux enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu, il-punt (1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², u kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2020/852, u ma jaqgħux taħt il-kategoriji l-oħra ta' attivitajiet ekonomiċi elenkati fil-punti minn (b) sa (i) ta' din id-dispożizzjoni. Dawn l-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija nukleari jenħtieġ li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, fin-nuqqas ta' alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fuq skala suffiċjenti biex titkopra d-domanda għall-enerġija b'mod kontinwu u affidabbli. Barra minn hekk, fir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzi Sostenibbli ta' Marzu 2020¹³ ġie ddikjarat li "l-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari għandha emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra qrib iż-żero fil-fażi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija", u "l-evidenza dwar il-kontribut sostanzjali potenzjali tal-enerġija nukleari għall-oġettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kienet estensiva u ċara". Barra minn hekk, għadd ta' pjanijiet tal-Istati Membri jinkludu l-enerġija nukleari flimkien mal-enerġija rinnovabbli fis-sorsi tal-enerġija li għandhom jintużaw biex jintlaħqu l-miri klimatiċi, inkluż l-oġettiv ta' dekarbonizzazzjoni tal-2050 stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. Fl-aħħar nett, bil-provvista stabbli ta' enerġija bażilari, l-enerġija nukleari tiffaċilita l-użu ta' sorsi rinnovabbli intermittenti u ma tfixkilx l-iżvilupp tagħhom, kif previst fl-Artikolu 10(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2020/852. L-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari jenħtieġ għaldaqstant, li jitqiesu konformi mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852.

¹² Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

¹³ Ir-rapport tat-TEG jinsab fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/business_economy_euro/banking_and_finance/documents/200309-sustainable-finance-teg-final-report-taxonomy_en.pdf

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)

- (7) Ir-rieżami xjentifiku mwettaq minn esperti¹⁵ kkonkluda li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għal attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija nukleari jenħtieġ li jiżguraw li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra minħabba r-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-ħżin fit-tul u mir-rimi aħħari tal-iskart nukleari. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-kriterji ta' skrinjar tekniku jirriflettu l-ogħla standards tas-sikurezza nukleari, tal-protezzjoni mir-radjazzjoni u tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, filwaqt li jibnu fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (“it-Trattat Euratom”) u fuq fil-leġislazzjoni adottata skont dan it-Trattat, u b'mod partikolari fid-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom¹⁶. Din id-Direttiva fiha objettiv ta' livell għoli għas-sikurezza nukleari li jkopri l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull installazzjoni nukleari, inkluż il-post, id-disinn, il-kostruzzjoni, l-ikkummissjonar, l-operat u d-dekummissjonar ta' dawn l-installazzjonijiet. B'mod partikolari, din id-Direttiva tirrikkjedi titjib sinifikanti fis-sikurezza fid-disinn ta' reatturi ġodda, inklużi l-hekk imsejħa reatturi tal-Ġenerazzjoni III+, li għalihom jenħtieġ li jintużaw għarfien u teknoloġija tal-ogħla livell, filwaqt li jitqiesu l-aħħar rekwiżiti internazzjonali tas-sikurezza. Dawn ir-rekwiżiti jipprevedu l-implimentazzjoni effettiva tal-objettiv tas-sikurezza nukleari, inkluża l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' difiża fil-fond u ta' kultura ta' sikurezza effettiva. Dawn ir-rekwiżiti jiżguraw li l-impatt ta' perikli estremi magħmula mill-bniedem u naturali, inklużi terremoti u għargħar, jiġi minimizzat u li l-aċċidenti, l-operazzjonijiet anormali u l-fallimenti jew it-telf tas-sistemi ta' kontroll jiġu evitati, fost l-oħrajn permezz ta' strutturi protettivi jew sistemi ta' riżerva għat-tkessiħ u tal-provvista tal-elettriku.
- (8) Sar disponibbli fis-suq f'juwil b'tolleranza għall-aċċidenti għall-impjanti tal-enerġija nukleari li jipprovdi protezzjoni addizzjonali kontra aċċidenti li jirriżultaw minn ħsarat strutturali fil-komponenti tal-fjuwil jew tar-reatturi. Sabiex jittieħdu inkonsiderazzjoni dawn l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti, jenħtieġ li l-użu ta' dan it-tip ta' fjuwil jiġi stabbilit bħala rekwiżit fil-kriterji ta' skrinjar tekniku, filwaqt li jitqies l-illiċenzjar tiegħu fl-Unjoni.
- (9) Fid-dinja, għaddejnin sforzi ta' riċerka u żvilupp biex jiġu żviluppatti teknoloġiji ġodda għar-reatturi nukleari li jużaw, fost l-oħrajn, ċikli tal-fjuwil magħluqin jew il-kunċetti ta' awtoproduzzjoni tal-fjuwil u li jimminimizzaw il-produzzjoni ta' skart radjuattiv ta' livell għoli (ir-“reatturi tal-Ġenerazzjoni IV”). Għalkemm dawn ir-reatturi tal-Ġenerazzjoni IV għadhom mhumiex kummerċjalment vijabbli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn ir-reatturi fid-dawl tal-kontribut potenzjali tagħhom għall-objettiv tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tnaqqis tal-iskart radjuattiv.
- (10) L-enerġija nukleari hija parti mis-sorsi tal-enerġija futuri f'għadd ta' Stati Membri, bħala parti mill-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom. Ix-xenarji vvalutati mill-Kummissjoni jwasslu għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata bbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-biċċa l-kbira tagħha u fuq l-enerġija nukleari b'kapaċità installata stabbli apparagun tal-livelli attwali. Hekk kif l-installazzjonijiet nukleari li qed jiġu sfruttati bħalissa qed jiqdiemu, dawn jeħtieġu aġġornamenti fis-sikurezza biex il-ħajja operattiva titwal kif ukoll installazzjonijiet nukleari mibnija ġodda biex

¹⁵ Ir-Rapport tal-JRC: Il-valutazzjoni teknika tal-enerġija nukleari fir-rigward tal-kriterji “la tagħmilx ħsara sinifikanti” tar-Regolament (UE) 2020/852 (“ir-Regolament dwar it-Tassonomija”) jinsab fuq: https://ec.europa.eu/info/file/210329-jrc-report-nuclear-energy-assessment_en

¹⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18)

jissostitwixxu l-installazzjonijiet skaduti. Dan huwa proċess kontinwu li jenħtieġ li jiżgura d-disponibbiltà tal-kapaċità meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija sal-2050, u wara din id-data skont il-ħtieġa. Għaldaqstant, se jkunu meħtieġa investimenti sinifikanti fl-enerġija nukleari tul il-perjodu, sal-2050 u lil hinn. Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-impjanti tal-enerġija nukleari l-ġodda jużaw l-aktar soluzzjonijiet avvanzati li jirriżultaw mill-progress teknoloġiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn l-impjanti tal-enerġija nukleari l-ġodda jipprevedu rieżami regolari għal kull proġett ta' investiment, u għall-parametri tekniċi li jikkorrispondu għall-aħjar teknoloġija disponibbli fid-dawl tal-eżiti tal-isforzi sostnuti fir-riċerka u l-iżvilupp u tat-titjib kontinwu fit-teknoloġiji. Jenħtieġ li jiġu definiti dati speċifiċi biex tiġi żgurata l-introduzzjoni gradwali ta' teknoloġiji ġodda kompatibbli mad-dekarbonizzazzjoni sostenibbli hekk kif dawn ikunu disponibbli.

- (11) L-Anness II tat-Trattat Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999¹⁷ jistabbilixxu limiti minimi u rekwiżiti oħra għan-notifika lill-Kummissjoni dwar l-investimenti fl-enerġija nukleari. Sabiex jiġi żgurat, għall-fini li jintlaħqu l-għanijiet tat-tassonomija, l-ogħla kunsiderazzjoni possibbli tal-prinċipji u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Euratom, inkluż l-objettiv tas-sikurezza nukleari, tali investimenti jenħtieġ li jkunu soġġetti għal opinjoni tal-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk l-Anness II għat-Trattat Euratom u r-Regolament (Euratom) Nru 2587/1999 jirrikjedux xi notifika. Għall-istess raġuni, il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 u l-kriterji ta' skrinjar tekniku identifikati mill-Kummissjoni fl-opinjoni tagħha jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti.
- (12) Fid-dawl taż-żminijiet twal ta' tħejjija għall-investimenti f'kapaċità ġdida għall-ġenerazzjoni nukleari, l-estensjoni taż-żmien tas-servizz għall-installazzjonijiet nukleari eżistenti li jintgħażlu tista' tkun ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija fuq terminu qasir sa medju. Madankollu, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn l-estensjonijiet jirrikjedu modifiki u aġġornamenti fis-sikurezza biex jiġi żgurat li dawn l-installazzjonijiet nukleari jikkonformaw mal-ogħla standards ta' sikurezza li jistgħu jinkisbu u mar-rekwiżiti kollha tal-objettiv tas-sikurezza stabbiliti fil-leġiżlazzjoni adottata skont it-Trattat Euratom.
- (13) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi mistennija, l-investimenti fil-konstruzzjoni u t-tħaddim sikur ta' installazzjonijiet nukleari ġodda li jużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli u approvati sa data xierqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kriterji ta' skrinjar tekniku u għal limiti ta' żmien li jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-użu futur ta' reatturi tal-Ġenerazzjoni IV b'ċiklu tal-fjuwil magħluq jew bi fjuwil awtoprodott ġaladarba dawn ikunu disponibbli kummerċjalment. Dawn il-limiti ta' żmien jenħtieġ li jiġu rieżaminati b'mod xieraq fid-dawl tal-progress fl-iżvilupp ta' teknoloġiji bħal dawn.
- (14) Il-kriterji ta' skrinjar tekniku relatati mal-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew ta' adattament għat-tibdil fil-klima jenħtieġ li jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi ma jikkawżawx ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra. Speċifikament għal attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija nukleari, huwa meħtieġ

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999 tat-2 ta' Diċembru 1999 li jiddefinixxi l-proġetti tal-investiment li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (ĠU L 315, 9.12.1999, p. 1).

li jiġi żgurat li r-rimi fit-tul tal-iskart ma jikkawżax ħsara sinifikanti u fit-tul lill-ambjent, kif imsemmi fil-punt (d)(iii) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2020/852. Għalhekk, huwa xieraq li fil-kriterji ta' skrinjar tekniku jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għal fond biex jiġi ġestit l-iskart radjuattiv u għal fond għad-dekummissjonar nukleari, li jistgħu jiġu kkombinati, f'konformità mal-prinċipju li l-produtturi tal-iskart jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-ispiża tal-ġestjoni tiegħu, u li jkollhom faċilitajiet operazzjonali għar-rimi aħħari tal-iskart radjuattiv kollu, li għandu jipprevjenu kwalunkwe esportazzjoni ta' skart radjuattiv biex jintrema f'pajjiżi terzi. F'diversi Stati Membri, l-iskart radjuattiv ta' livell baxx u intermedju bħalissa qed jintrema f'faċilitajiet tar-rimi qrib il-wiċċ, u fuq għexieren ta' snin żdiedu b'mod sostanzjali l-esperjenza u l-għarfien fil-ġestjoni tal-iskart biex dawn il-faċilitajiet tar-rimi qrib il-wiċċ joperaw. Għal skart radjuattiv ta' livell għoli u fjuwil użat, ir-rimi ġeoloġiku fil-fond jirrappreżenta soluzzjoni tal-ogħla livell li hija aċċettata b'mod wiesa' fil-komunità tal-esperti fid-dinja kollha bħala l-aktar għażla sikura u sostenibbli għall-istadju aħħari fil-ġestjoni tal-iskart radjuattiv ta' livell għoli u tal-fjuwil użat meqjus bħala skart. L-Istati Membri, filwaqt li għandhom ir-responsabbiltà tal-politiki tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv baxx, intermedju jew għoli tagħhom, jenħtieġ li jinkludu l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-għażliet għar-rimi fil-politiki nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fil-programmi nazzjonali għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, filwaqt li jkopru t-tipi kollha ta' fjuwil użat u ta' skart radjuattiv u l-istadji kollha tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv mill-ħolqien sar-rimi tagħhom. Il-kontenut tal-programmi nazzjonali huwa speċifikat fid-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom¹⁸ u jinkludi l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin biex jiġi mmonitorjat il-progress b'mod trasparenti. L-Istati Membri għandhom regolarment jagħtu rendikont lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali. Ir-rappurtar mill-Istati Membri tal-2021 juri li sar progress sostanzjali fit-tnedija tal-ewwel faċilitajiet ta' rimi ġeoloġiku fil-fond fit-territorju tal-Unjoni. Soluzzjonijiet realistiċi qed isiru disponibbli għall-Istati Membri biex jiżviluppaw u joperaw faċilitajiet bħal dawn sal-2050. Għalhekk, l-inklużjoni ta' rekwiżit korrispondenti fil-kriterji ta' skrinjar tekniku tiżgura li ma tiġi kkawżata l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent.

- (15) Huwa meħtieġ li l-impriżi mhux finanzjarji u finanzjarji jipprovdu lill-investituri bi grad għoli ta' trasparenza fir-rigward tal-investimenti tagħhom f'attivitajiet tal-produzzjoni tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari li għalihom jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku. Sabiex tiġi pprovduta din it-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni għal impriżi mhux finanzjarji u finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata l-komparabilità tal-informazzjoni ddivulgata lill-investituri, din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata fil-forma ta' mudell li jindika b'mod ċar il-proporzjon ta' attivitajiet tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari fid-denominatur u, fejn xieraq, fin-numeratur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin ta' dawn l-impriżi. Sabiex tipprovdi livell għoli ta' trasparenza lill-investituri fil-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 5 fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-esponiment għal attivitajiet tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari, li għalihom huma stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku, il-Kummissjoni se temenda jew tipproponi li temenda l-qafas ta' divulgazzjoni li jappartjeni għal dawn il-prodotti finanzjarji b'mod adegwat biex tipprovdi trasparenza sħiħa tul il-ħajja kollha ta' dawn il-prodotti

¹⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48);

finanzjarji. Sabiex jiġi żgurat li tali informazzjoni tkun identifikata b'mod ċar mill-investituri aħħarin, il-Kummissjoni se tikkunsidra temenda r-rekwiżiti dwar il-parir finanzjarju u dwar l-assigurazzjoni mogħti mid-distributuri.

- (16) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri, il-konformità mal-kriterji ta' skrinjar tekniku relatati mal-attivitajiet tal-gass fossili jenħtieġ li tiġi vverifikata minn parti terza indipendenti. Sabiex tiġi żgurata verifika imparzjali u diliġenti tal-konformità, il-parti terza indipendenti jenħtieġ li jkollha r-riżorsi u l-għarfien espert biex twettaq din il-verifika, tkun indipendenti biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-sid jew mal-finanzjatur, u jenħtieġ li ma tkunx involuta fl-iżvilupp jew fl-operat ta' dawn l-attivitajiet tal-gass fossili. Minbarra l-mekkaniżmu ta' verifika, l-impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi ta' verifika previsti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-finanzi sostenibbli li jkopru l-konformità mal-kriterji ta' skrinjar tekniku. Skont l-Artikolu 26(1), il-punt (c), tar-Regolament 2020/852, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' verifika għall-konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (17) Is-setturi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari huma kkaratterizzati minn żvilupp teknoloġiku rapidu. Għalhekk, jeħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku li jkopru l-attivitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija f'dawn is-setturi jiġu rieżaminati regolarment, kif obligat mill-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, dan ir-rieżami jenħtieġ li jkopri l-adegwatezza tal-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-kriterji ta' skrinjar tekniku.
- (18) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178¹⁹ jiġu emendati skont dan. L-emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 u fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 ma jobbligaw l-ebda investiment, iżda huma maħsuba biex jgħinu lis-swieq finanzjarji u lill-investituri jidentifikaw, fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet stretti, l-attivitajiet rilevanti relatati mal-gass u mal-enerġija nukleari meħtieġa għat-tranżizzjoni tas-sistemi tal-enerġija tal-Istati Membri lejn in-newtralità klimatika f'konformità mal-għanijiet u l-impenji klimatiċi tal-Unjoni.
- (19) L-emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 u fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 stabbiliti f'dan ir-Regolament Delegat huma marbutin mill-qrib. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawn id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, biex il-partijiet konċernati jingħataw perspettiva komprensiva tal-qafas legali u biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/852, huwa meħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu inklużi f'Regolament uniku.
- (20) Huwa meħtieġ li l-impriżi mhux finanzjarji u finanzjarji jingħataw biżżejjed żmien biex jivvalutaw jekk l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom relatati mal-gass fossili u l-enerġija nukleari jikkonformawx mal-kriterji ta' skrinjar tekniċu stabbiliti f'dan ir-Regolament, u biex jirrapportaw abbażi ta' din il-valutazzjoni f'konformità mar-

¹⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 tas-6 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u li jispeċifika l-metodoloġija biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu ta' żvelar (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 9).

Regolament Delegat (UE) 2021/2178. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun differita għall-1 ta' Jannar 2023.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

“Artikolu 2a

Rieżami

Meta twettaq ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tivvaluta wkoll il-htieġa li jiġu emendati d-dati msemmija fl-Anness I, it-Taqsima 4.27, it-Taqsima 4.28, it-Taqsima 4.29, il-punt 1(b), it-Taqsima 4.30, il-punt 1(b) u t-Taqsima 4.31, il-punt 1(b).

Kwalunkwe rieżami tad-*data* msemmija fil-punt (2) tat-Taqsimiet 4.27 u 4.28 tal-Anness I għandha tqis il-progress tekniku fil-kummerċjalizzazzjoni tal-fjuwil b'tolleranza għall-aċċidenti fl-Unjoni u fid-dinja.”

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, jżiedu l-paragrafi 6, 7, u 8 li ġejjin:

“6. L-impriżi mhux finanzjarji u l-impriżi finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-ammont u l-proporzjon ta’:

(a) l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija msemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur u fin-numeratur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(b) l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija, iżda mhux allinjati mat-tassonomija, imsemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(c) l-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari mhux eliġibbli għat-tassonomija fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom.

7. L-impriżi mhux finanzjarji u l-impriżi finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-ammont u l-proporzjon ta’:

(a) l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija msemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur u fin-numeratur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(b) l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija, iżda mhux allinjati mat-tassonomija, imsemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

- (c) l-attivitajiet relatati mal-gass fossili mhux eliġibbli għat-tassonomija fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom.
8. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 6 u 7 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi jintużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.
- (2) it-test li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness XII.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.3.2022

*Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Mairead McGUINNESS
Membru tal-Kummissjoni*